

In-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jikkonsisti, min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta' sistema ta' kontroll effettiva bil-għan li tiġi osservata l-projbizzjoni ta' l-għeżula tal-mitlaq għall-qbid ta' ċerti speċi u fin-nuqqas ta' insewiment fit-teħid ta' proċedimenti fir-rigward ta' ksur ikkonstatat. Il-kontrolli jirrigwardaw biss l-osservanza tal-leġislazzjoni nazzjonali, li hija aktar flessibbli mil-leġislazzjoni Komunitarja, u s-sanzjonijiet imposti, fil-każ ta' ksur ta' l-imsemmija leġislazzjoni, huma ħfief u mhux dissważivi ħafna.

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni (ĠU L 261, p. 1).

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, p. 59).

Rikors imressaq fis-17 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-559/07)

(2008/C 37/31)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew (rappreżentanti: M. Patakia u M. van Beek)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet tar-rikorrenti

- tikkonstata li billi, fil-Kodiċi Elleniku tal-pensjonijiet ċivili u militari, ir-Repubblika Ellenika żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet li jipprovdu għal età ta' iritirar differenti u rekwiżiti differenti inkwantu għaż-żmien ta' servizz minimu għall-irġiel u għan-nisa, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 141 KE;
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tbatl l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

1. Wara li eżaminat id-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Kodiċi Elleniku tal-pensjonijiet ċivili u militari, il-Kummissjoni kkonstatat li dawn jipprovdu li n-nisa għandhom dritt għal pensjoni fetà differenti minn dik ta' l-irġiel u taħt kundizzjonijiet differenti inkwantu għaż-żmien ta' servizz minimu meħtieġ.
2. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-imsemmija pensjonijiet, li huma mħallsa minn min iħaddem lill-eks impjegat b'konsegwenza tar-relazzjoni ta' impjeg tagħhom, jikkonstitwixxu paga fis-sens ta' l-Artikolu 141 KE. Minbarra dan, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni n-natura partikolari tas-sistemi ta' pensjonijiet in kwistjoni, li jagħmlu l-pensjoni dipendenti miż-żmien ta' servizz mogħti kif ukoll mis-salarju ta' l-impjegat qabel ma jiritra, il-persuni li jibbenefikaw minn pensjoni jikkonstitwixxu, skond il-Kummissjoni, "kategorija partikolari ta' ħaddiema", filwaqt li l-metodu ta' l-iffinanzjar u ta' thaddidim tas-sistema ta' pensjoni mhuwiex fattur determinati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 141 KE.
3. Bl-istess mod, skond il-Kummissjoni, mhumiex sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 141(4) KE relattivi għal miżuri li jipprovdu vantaġġi speċifiċi li jagħmluha aktar faċli għal dak is-sess li jkun anqas rappreżentat biex ifittex attività professjonali.
F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet in kwistjoni ma jftaffux il-problemi li n-nisa jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera professjonali tagħhom, imma, għall-kuntrarju, jiffavorixxu l-irtirar tagħhom mis-suq tax-xogħol.
4. Minbarra dan, il-ġustifikazzjoni mqajjma, li tirrigwarda riskju li l-funzjonament ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat jiġi compromess u li għalhekk ikollhom jiġu adottati dispożizzjonijiet tranżitorji, mhijiex, fil-fehma tal-Kummissjoni, konvinċenti, peress li, minn naħa, il-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw għall-Istat Membru ma jiġġustifikawx, fihom infus-hom, il-limitazzjoni fiż-żmien ta' l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt Komunitarju u, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ellenika ma wrietx, fil-prattika, l-eżistenza u n-natura preċiża tal-funzjonament kompormess ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat li ġie invokat.
5. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li billi, fil-Kodiċi Elleniku tal-pensjonijiet ċivili u militari, ir-Repubblika Ellenika żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet li jipprovdu għal età ta' iritirar differenti u rekwiżiti differenti inkwantu għaż-żmien ta' servizz minimu għall-irġiel u għan-nisa, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 141 KE.